MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1499/2001/1

***Maltacom p.l.c.***
***vs***
***Annunziato Mangion***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1315.63c) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 585121 (skond ma jirrizulta mid-Dokument A anness ma' l-avviz) u liema servizz gie installat fil-fond li jgib l-isem ta' *"Star Light Re"*, Flat 2, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar u dana skond is-*service agreement* esibit u mmarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Lulju 2001 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1315.63c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Lulju 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**